TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 203/25/F

**Reuben Friggieri**

**vs**

**John Farrugia**

Illum, 19 ta' Frar 2026

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar l-24 ta' Novembru 2025;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat nhar it-18 ta' Diċembru 2025;

Sema' x-xhieda tal-Partijiet bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li l-Intimat jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' ħamest'elef Euro (€5,000). Il-mertu tat-Talba huwa li r-Rikorrent inkariga lill-Intimat sabiex jagħmel xogħlijiet ta' tapezzerija fuq id-dgħajsa tiegħu tat-tip Beneteau Monte Carlo 27 konsistenti *f'full enclosure* u *bimini canopy*. Mal-konferma tal-ordni fl-4 ta' Awwissu 2025, ġie mgħoddi depożitu ta' €1,715 permezz ta' Revolut. Il-ftehim kien li x-xogħol kellu jkun lest f'temp ta' 6-8 ġimgħat qabel jidħol l-istaġun tax-xitwa. Sal-10 ta' Ottubru 2025 ma kien hemm l-ebda ħjiel li x-xogħol ikun lest u r-Rikorrent eskala l-kwistjoni mal-MCCAA sabiex jingħata d-depożitu lura.

Mill-ispjegazzjoni mogħtija mill-istess Rikorrent waqt ix-xhieda tiegħu u mid-dokumenti ppreżentati, it-Tribunal jifhem li dak li qed jitlob ir-Rikorrent huwa:

- €1,715 rifużjoni ta' depożitu mħallas;
- €2,823.74 rappreżentanti l-ispiża rikjesta sabiex tinbidel it-tapezzerija tal-*cushions* tad-dgħajsa tar-Rikorrent li ġiet rovinata għax ixxarbet fil-maltemp;
- €500 rappreżentati dak li huwa jiddeskrivi bħala "*lawyer and interest*".

Permezz tar-Risposta li ppreżenta kif ukoll waqt ix-xhieda tiegħu, l-Intimat jikkontesta t-Talba tar-Rikorrent a bażi tal-fatt li skont hu, dak propost permezz tal-istima ma kienx jinkludi ġnubijiet reżistenti għall-ilma imma sempliċiment materjal tal-*mesh* li minn natura tiegħu huwa permeabbli. Għalhekk, l-insistenza tar-Rikorrent li l-għoti jkun reżistenti għall-ilma hija żieda materjali lilhinn mill-iskop tax-xogħol miftiehem li kienet ser tvarja l-prezz 'il fuq. Jużа dan l-argument ukoll sabiex jasserixxi li ma jġorr l-ebda ħtija għall-ħsarat allegatament ġejjin mit-tixrib tat-tapezzerija tad-għajsa bix-xita. Finalment jgħid li ma kienx ġie speċifikament miftiehem xi *deadline* għax-xogħol.

It-Tribunal evalwa sewwa l-provi – partikolarment l-istima proposta mill-Intimat – u josserva li apparti, verament, partijiet mill-għoti kellhom isiru bil-*mesh*, l-istima kienet tinkludi speċifikament ukoll "*roll-up and zippered doors*" li fil-fehma tat-Tribunal huwa għoti fuq il-*mesh*. Dan apparti, it-Tribunal qajla jista' jifhem is-sens li wieħed jinstalla *full enclosure* fuq dgħajsa li tkun tagħmel l-ilma għas-sempliċiment tal-*mesh*, jew aħjar xibka. Intant, lanqas ma huwa sorrett l-Intimat meta fix-xhieda tiegħu jgħid li ma kienx hemm żmien miftiehem għax-xogħol, għax l-istima innifisha tindika li "*delivery: 6-8 weeks from deposit*". Jittenta jispjega ukoll li din kienet merament indikazzjoni imma hawn ukoll jistaqsi t-Tribunal: x'sens fiha li negozjant jagħti indikazzjoni ta' żmien lill-konsumatur bil-miktub fl-istima jekk ma jkollu l-ebda intenzjoni li jaderixxi magħha?

L-Intimat jgħid li ma lestiex ix-xogħol għax twaqqaf mir-Rikorrent imma mill-provi joħroġ ċar li kien biss wara li kien diġà skorra konsiderevolment iż-zmien indikat li r-Rikorrent beda' jitlob ir-rifużjoni tad-depożitu, għalhekk il-kanċellament tal-ordni minn naħa tar-Rikorrent ma għandha l-ebda rilevanża mat-tardività minn naħa tal-Intimat. Anzi, it-Tribunal iqis li kienet it-tardività tal-Intimat li wasslet lir-Rikorrent sabiex jitlob id-depożitu lura għax qata' qalbu jistenna għalxejn.

Waqt ix-xhieda tiegħu, l-Intimat jikkonferma li għalkemm ma ġiet konsenjata l-ebda parti mix-xogħol, għad għandu f'idejh id-depożitu sħiħ ta' €1,715. Irrispettiv minn kwalsiasi spjegazzjoni li jittenta jagħti l-Intimat fix-xhieda tiegħu, dawn it-tip ta'

prattiċi ma jsibu ebda komfort fil-liġi. Għalhekk, ladarba l-ebda xogħol ma ġie konsejat, id-depożitu kollu jrid jiġi ritornat.

It-Tribunal issa ser jikkonsidra l-kumplament tat-Talba tal-attur, li tikkonċerna d-danni sofferti minħabba li d-dgħajsa ma kellhiex għoti. Ir-Rikorrent ippreżenta stima maħruġa minn 'Bee Upholstery' fl-ammont ta' €2,823.74 sabiex isir bdil komplet tal-*cushions* kollha tad-dgħajsa li allegatament ġew danneġġjati bl-elementi meta daħal l-istaġun tax-xita u d-dgħajsa baqgħet mikxufa. Dwar din il-parti tat-Talba, it-Tribunal iqis li filwaqt li huwa verosimili li t-tapazzerija jiġrilha l-ħsara jekk tixxarrab ħafna bix-xita, irid jingħad ukoll li in atti ma hemm l-ebda prova ta' x'kienet il-kondizzjoni tat-tapezzerija qabel ma xxarrbet u kemm kienet ilha li saret u nstallata fuq id-dgħajsa. Għalhekk, it-Tribunal ma jsibx komfort fl-atti sabiex jordna rifużjoni sħiħa. Minflok, *arbitrio boni viri*, it-Trinunal ser jordna li r-Rikorrent jiġi kkumpensat nofs il-valur tal-istima ppreżentata, u ċioè €1,411.87.

Ir-Rikorrent jitlob ukoll li jiġi rifuż l-ispejjeż legali li huwa nkorra, iżda ma ppreżenta l-ebda riċevuta li tikkonferma x'ħallas u lil min. Għalhekk, it-Tribunal ma jistax jilqa' din il-parti tat-Talba. Dwar l-imgħax, it-Tribunal sejjer jagħmel ordni li l-imgħax fuq is-somma likwidata b'din is-sentenza jibda' jiddekorri mid-data tal-istess sal-ħlas effettiv.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-Intimat iħallas lir-Rikorrenti is-somma komplessiva ta' tlett elef, mija u sitta u għoxrin Euro u seba u tmenin ċenteżmu (€3,126.87).**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.), ECPC-B (Maastricht)**
*Arbitru*